Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,625, 17 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 97 tal-2026

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mill-Ħlas ta' Taxxa Doppja fuq l-*Income* mar-Rumanija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mill-Ħlas ta' Taxxa Doppja fuq l-*Income* mar-Rumanija u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mill-Ħlas ta' Taxxa Doppja fuq l-*Income* mar-Rumanija, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"ordni prinċipali". L.S. 123.42.

Dħul fis-seħħ tal-emendi.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat:

(a) illi l-emendi għall-ordni prinċipali, kif speċifikat fil-Protokoll skont l-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni (hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ il-"Protokoll"), saru mal-Gvern tar-Rumanija;

(b) illi huwa spedjenti li l-istess emendi għandu jkollhom effett wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll u skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Protokoll;

(ċ) illi l-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li tkun stabbilita b'avviż fil-Gazzetta.

SKEDA

PROTOKOLL LI JEMENDA L-FTEHIM BEJN IL-GVERN TA' MALTA U L-GVERN TAR-RUMANIJA GĦALL-ĦELSIEN MINN TAXXA DOPPJA U BIEX TIĠI EVITATA EVAŻJONI FISKALI DWAR TAXXI FUQ L-*INCOME*, IFFIRMAT F'BUKAREST FIT-30 TA' NOVEMBRU 1995

Il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Rumanija

Billi jixtiequ li jemendaw il-Ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Rumanija ghall-ħelsien minn taxxa doppja u biex tiġi evitata evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income*, iffirmat f'Bukarest fit-30 ta' Novembru 1995 (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"),

Ftiehmu kif ġej:

ARTIKOLU I

It-test tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 26 tal-Ftehim jiġi mħassar u sostitwit b'dan li ġej:

"**2.** L-awtorità kompetenti għandha tara, jekk l-oġġezzjoni jidhrilha li tkun ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni sodisfaċenti, li tiddeċiedi l-każ bi ftehim reċiproku mal-awtorità kompetenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor, bil-għan li tiġi evitata tassazzjoni mhux skont dan il-Ftehim. Kwalunkwe ftehim milħuq għandu jitwettaq minkejja kull żmien ta' skadenza stipulat fil-liġi domestika tal-Istati Kontraenti."

ARTIKOLU II

1. L-Istati Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin li r-rekwiżiti legali għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll ġew imħarsa.

2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ tletin jum wara d-data tal-aħħar waħda min-notifiki msemmija fil-paragrafu 1 u d-dispożizzjonijiet tiegħu għandu jkollhom effett fir-rigward ta' taxxi fuq l-*income* miksub matul kwalunkwe sena kalendarja jew perjodu ta' kontijiet, skont il-każ, li jibda fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar minnufih wara d-data li fiha l-Protokoll jidħol fis-seħħ.

ARTIKOLU III

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim, għandu jibqa' fis-seħħ sakemm il-Ftehim jibqa' fis-seħħ u għandu japplika sakemm il-Ftehim ikun applikabbli.

B'XIEHDA TA' DAN, is-sottoskritti, debitament awtorizzati mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL f'żewġ kopji f'Bukarest fl-4 ta' Lulju 2024, bil-lingwa Ingliża u Rumena, bit-testi kollha jkunu ugwalment awtentiċi. F'każ ta' xi diverġenza fl-interpretazzjoni, għandu jipprevali t-test Ingliż.

Għall-Gvern ta' Malta	Għall-Gvern tar-Rumanija
Ian Borg	Luminita-Teodora Odobescu